# POEŻIJI

## L-Għanja taċ-Ċinju

Hawn ġejt għannejtha l-aħħar poeżija
Ċinju sabiħ, u l-itwal għanja tiegħek!
Għalhekk aktarx twelidt u kollok ħeġġa
minn artek ħrabt u ġejt biex tmut fi xtutna!
Bkejniek u ma ntbaħniex b'dik l-għajta siekta
minn qalb maqsuma li qatt m'għamlet dnewwa.
Int kont għalina, Ċinju ħelu sbejjaħ,
żiffa ħafifa ta' rebbiegħa għajjiena,
għelm ta' żgħożija mdejqa qatt mistrieħa
ta' soċjeta marida kollha biża'
li tilfet il-valur ukoll tal-ħajja!
Int kont il-bewsa t'Alla fuq ħaddejna,
twissija mielsa ta' l-imħabba t'Alla,
twiddiba ħelwa ta' Missier li jħobbna,
li jagħmel il-Ħallieq lil qlub imwebbsa
u mħuħ magħluqa f'ta' dil-ġżira l-gaġġa ...
Hekk kont, Ċinju sabiħ, fil-pjan tas-Sema
u forsi għalhekk ħrabt u ġejt tmut fostna!

**Rev. George Mercieca**

## Jien

Jien ħoss tas-siġar kbar mar-riħ tal-ġungla,
il-ħolm ta' l-annimali fil-foresta,
il-muta misterjuża ta' l-imsaġar,
il-għajta ta' disprat fil-bosk imsakkar.

U nisma' kull mument it-tnabar mgħattna
isejħu mill-imgħoddi rwieħ tal-ġungla
li nkellem kull fl-għaxija f'riti strambi
u sagrifiċċji, bit-talbiet minsija
tat-tempji mġarrfa w l-alla tal-leġġendi,
bid-dħaħen ta' l-oraklu solitarju.

Isejħu b'lingwa tagħhom bla qatt għarrfu
li jiena wkoll id-dell u l-aħħar xhieda
ta' wild tribu' qadim li għex u spiċċa
fil-preistorja.

**Charles Bezzina**